**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 8 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 17**

**Avviz Nru: 295/01AE**

**Vodafone Malta Ltd**

**vs**

**James Zammit Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm245.63) access ghall-uzu ta' mobile tlephone u airtime ghall-istess uzu ghall-perjodu mis-6 ta' Marzu 1998 sad-9 ta' Frar 2000.

Ra l-konvenut deher ghas-seduti tas-7 ta' Dicembru 2001, 14 ta' Dicembru 2001, u tal-lum u kkontesta t-talba attrici fis-sens li qieghed jintalab jaghmel hlas ghall-perjodu meta ma kellux is-servizz tat-telefon.

Ra li s-socjeta konvenuta naqset milli tidher u tressaq provi fis-seduti tal-14 ta' Dicembru 2001 u tal-lum.

Semgha lill-konvenut jikkonferma bil-gurament li minn verifiki li ghamel mas-socjeta attrici rrizulta li mill-ammont mitlub hemm disgha xhur hlas ta' kera (bir-rata ta' Lm25 ghal kull xahar) ghas-servizz li kien sospiz.

Ikkunsidra li huwa stabbilit, anke mill-gurisprudenza, li meta s-servizz tat-telefon huwa sospiz m'ghandux jintalab il-hlas ta' kera peress li f'dak iz-zmien is-subscriber ma jkunx qieghed jinghata servizz.

In vista tac-cirkostanzi u peress li s-socjeta attrici naqset milli tipprova li s-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm245.63) hija dovuta, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta' ghoxrin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm20.63).

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**